MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 151/2015

**Continental Purchasing Company Limited (C-324)**

**VS**

**Spiridione Mercieca**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Continental Purchasing Company Limited tat-18 ta'Frar 2015 li jaqra hekk:

1. *"Peress illi l-intimat issellef minghand is-socjeta rikorrenti is-somma ta' €12000, tnax-il-elf euro skond ma jirrizulta mill-annessa dikjarazzjoni markata "A";*

2. *Peress illi l-intimat ppromettа li sejjer ihallas l-istess somma lura lis-socjeta rikorrenti sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2014, izda baqa' inadempjenti;*

3. *Peress illi avolja l-intimat gie mitlub ihallas l-istess somma permezz tal-ittra tal-17 ta' Dicembru 2014 izda ta' xejn;*

4. *Peress illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u l-intimat ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tinqata' ai termini tal-artiklu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex (1) taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundannah ihallas lill-rikorrenti l-ammont ta'€12,000 rappresentanti l-ammont lilu misluf - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;*

6. *Bl-imghax legali mid-data tal-presenti sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl- ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal- 17 ta' Dicembru 2014, kontra l- intimat li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu."*

Rat id-digriet tas-19 ta'Frar 2015 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-12 ta'Marzu 2015 fl-11:45;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda ta' Alfred Cuschieri tat-12 ta' Marzu 2015 - vide fol. 9 tal-process -jirrizulta illi Alfred Cuschieri, ghan-nom ta' Continental Purchasing Company Limited, sellef lill-intimat s-somma ta' tnax –il elf Ewro (€12,000) skond l-iskrittura tat-2 t'Awwissu 2013 (Vide fol. 4).

Alfred Cuschieri kkonferma bil-gurament illi l-intimat Mercieca **kien hallsu is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000), xi tminn xhur qabel** – Vide xhieda a fol. 10.

Cuschieri ddikjara illi huwa **ma ppretenda ebda imghaxijiet** minkejja li dawn kienu gew offruti mill-intimat. Cuschieri sostna li huwa ried biss l-ammont misluf.

Il-Qorti rat illi l-intimat naqas li jidher fis-seduti tat-12 ta’ Marzu 2015 u tal-25 ta’ Marzu 2015.

Jidher li ghalhekk ma hemm ebda ostakolo ghal ghotja tas-sentenza.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba tas-sojceta’ attrici sabiex il-kawza tinqata’ bid-dispenza tas-smiegh ai tenur tal-Artikolu 167 Kap.12 u tilqa’ t-tieni talba attrici **limitatament ghal ghaxart elef Ewro (€10,000),** rapprezentanti bilanc t’ammont lilu misluf skond skrittura datata 2 t’Awwissu 2013, u dana in vista tal-pagament da parti tal-intimat ta’ elfejn Ewro (€2,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-18 ta’ Frar 2015 sal-pagament effettiv.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------